

# Is-Sorijiet Karmelitani f'Għawdex

Patri Hermann Duncan O.Carm

Is-sorijiet Karmelitani ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù jinsabu Għawdex f'żewġ komunitajiet waħda f'Kerċem u l-oħra fir-Rabat ta' Għawdex.

Tajjeb li wieħed jgħid li s-sorijiet Karmelitani bdew il-ħidma tagħhom f'Għawdex fi Frar tal-1957. Dan sar bis-saħħa u l-ħidma tal-Provinċjal tal-Karmelitani ta' dak iż-żmien Patri Bernard Farrugia. Kien fis-sena 1951 meta f'Ruma Patri Bernard ltaqa' ma' Karmelitan ieħor Patri Lorenzo Van den Eerenbeemt li kien Olandiz li flimkien mal-fundatriċi, illum il-Beata Maria Crocifissa Curcio, taw bidu għal din il-kongregazzjoni. Patri Lorenzo kien talab lil Patri Bernard biex isib mezzi ħalli jħajjar xebbiet Maltin għall-missjoni.

Maż-żmien in-numru ta' sorijiet kiber u l-istess Patri Bernard ħass ix-xewqa u ra li kien il-mument biex tinfetaħ dar għal dawn is-sorijiet Karmelitani Għawdex. F'dak iż-żmien f'diversi parroċċi Għawdxin kienu nfetħu Kunventi tas-sorijiet li kienu qed jkunu tas-servizz kbir fil-parroċċi li kienu jilqgħuhom. Il-kappillan Grima ta' Kerċem ukoll xtaq dan u malajr laqa' t-talba ta' Patri Bernard u beda jħabrek u jistinka biex isib dar għas-sorijiet Karmelitani. F'dan il-kappillan is-sorijiet raw missier u benefattur kbir tagħhom.

Malli l-ewwel sorijiet waslu Kerċem fi Frar tal-1957 f'qasir żmien fetħu l-bibien tad-dar tagħhom li dak iż-żmien kienet fi Triq San Pietru u San Pawl biex jilqgħu t-tfal fl-iskola tagħhom. Għall-bidu s-sorijiet kienu jilqgħu t-tfal ġo kamra taħt it-taraġ. Ftit kienu t-tfal li kien jattendu din l-iskola, kienu biss ftit tfal tal-Kinder, madwar xi 25. Iktar ma għadda żmien it-tfal bdew jiżdiedu u s-sorijiet ħassew il-ħtieġa li jkollhom dar ikbar. Bil-ħidma siewja ta' Patri Bernard u l-ġenerożità tan-nies u tal-kappillan ta' Kerċem ġie inawgurat il-Kunvent preżenti li hemm illum.

Wieħed jista' jgħid li l-iskola ta' Santa Tereża bdiet kulma tmur tikber fin-numru u titjieb fit-tagħlim tat-tfal. Illum l-iskola tgħodd madwar 190 student li jiġu minn kull post f'Għawdex. L-għalliema huma madwar 20. L-għan ta' din



**L-ewwel tfal li attendew l-Iskola Santa Tereża flimkien mal-ewwel kap tal-Iskola Sr Domitilla Cassar (1957)**



**Il-Kappillan Mons. Mikiel Anġ Grima flimkien mal-ewwel sorijiet li għallmu fl-Iskola Santa Tereża**

l-iskola huwa li jrawmu lit-tfal f'karattru sod mibni fuq it-tagħlim morali u spiritwali.

Apparti s-suġġetti akademiċi, biex tikber fit-tfal kuxjenza favur l-ambjent, f'din l-iskola saru mhux biss taħdidiet dwar dan is-suġġett imma minn ftit snin 'l hawn bdiet tiġi organizzata l-*Pets Day*, bil-għan li tikber fit-tfal l-imħabba lejn l-annimali u l-apprezzament tal-ħolqien. It-tfal ukoll jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' *Dinja Waħda* fejn l-għaqda *Bird Life* tintroduċihom għall-edukazzjoni ambjentali. Fl-aħħar snin l-iskola wkoll ħadet sehem fl-attività *Foster the Forest* fejn l-istudenti jagħtu sehemhom fiż-żamma ta' żona ċkejkna *Foresta 2000.* Ta' dan l-iskola kisbet ċertifikat ta' rikonnoxximent. Barra dan fl-iskola jiġu organizzati kompetizzjonijiet tat-tpinġija u anke wirjiet bl-istess xogħlijiet tat-tfal.

Id-direzzjoni tal-iskola temmen ukoll ħafna fl-isports bħala ingredjent importanti fl-edukazzjoni tal-istudenti u fuq kollox għas-saħħa fiżika u mentali tat-tfal. Regolarment isiru lezzjonijiet tal-*aerobics* matul is-sena u *Sports Day,* ġurnata importanti fil-kalendarju tal-iskola. F'dawn l-aħħar snin bdiet tieħu sehem ukoll fi *Sports Day* organizzata bejn l-iskejjel tal-knisja ta' Għawdex.

F'Kerċem il-komunità ta' sorijiet hija ta' madwar sitt sorijiet li fil-maġġoranza tagħhom huma kollha anzjani iżda kollha jippruvaw jagħtu s-sehem tagħhom. Il-ġurnata hija maqsuma f'mument ta' talb xogħol u fraternità. L-impenn partikolari ta' dawn is-sorijiet hija l-iskola imma s-sorijiet ukoll jagħtu għajnuna lill-parroċċa billi jgħallmu d-duttrina.

Is-sorijiet Karmelitani jinsabu wkoll f'numru 3, fit-telgħa tal-Belt fir-Rabat Għawdex li hija dar fejn jieħdu ħsieb l-anzjani. Huma għandhom ukoll grupp ta' Terzjarji Karmelitani li jiltaqa' kull xahar fil-knisja tagħhom li għal din il-laqgħa jmur Patri Alex Scerri Pirjol tal-Belt biex imexxiha. Ftit xhur ilu fetħu dar f'Malta fil-Parroċċa ta' Fleur-de-Lys fi Triq Patri Anastasju Cuschieri fejn jagħtu sehemhom fil-parroċċa.

Hija ħasra kbira li llum il-ġurnata, waħda mill-ikbar problemi li qed jaffaċċjaw ruħhom magħha s-sorijiet hija n-nuqqas ta' vokazzjonijiet.

Għalhekk nitolbu 'l-Mulej biex jibgħat iktar vokazzjonijiet ħalli dawn is-sorijiet ikunu jistgħu jkomplu l-missjoni edukattiva tagħhom.



**Il-kunvent tas-sorijiet Karmelitani u l-kumpless tal-Iskola Santa Tereża f'Ta' Kerċem, Għawdex**



**Id-Dar tal-anzjani fir-Rabat Għawdex**